MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 81/2002/1

**Lorenza Camilleri**

**vs**

**Raymond Camilleri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 25 ta' Jannar 2002 a fol. 1 fejn gie premess:-
Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 30 ta' Settembru 1999, fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella (Dok. "A");

Illi l-attrici hija fdata bil-kura u kustodja tat-tfal minuri tal-partijiet u dan a terminu ta' l-artikolu 6 ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni;

Illi a tenur ta' l-artikolu 7 ta' l-istess kuntratt, il-konvenut obbliga ruhu li jivversa lill-attrici, martu, s-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm 200) fix-xahar, liema somma tikkomprendi hamsin lira Malitja (Lm 50) fix-xahar ghall-kera tad-dar konjugali u l-ammont ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm 150) fix-xahar bhala manteniment ghall-mara u ghat-tfal, u cjoe` tletin lira Maltija (Lm 30) fix-xahar bhala manteniment a favur tal-mara u mija u ghoxrin lira Maltija (Lm 120) fix-xahar bhala manteniment ghaz-zewg ulied;

Illi ftit xhur wara li gie ffirmat il-kuntratt, twieldet tarbija ohra, Michael, li hija wild iz-zewg partijiet;

Illi l-konvenut qatt ma mantna lil dan il-minuri.

Illi ghalhekk, l-istess attrici talbet lill-Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici, ghall-imsemmi tifel minuri, dik ir-retta alimentarja li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa skond il-bzonnijiet ta' l-attrici u l-mezzi ta' zewgha, liema retta alimentarja tkun pagabbli fil-jum u hin li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 15 tal-process fejn eccepixxa:-

(1) Preliminarjament in-nullita' tac-citazzjoni *stante* li ma saret l-ebda talba minn taghha sabiex tidher bhala kuratur ghad-litem tal-minuri, Michael, f'din il-kawza, u allura hija qatt ma setghet istitwiet dawn il-proceduri minghajr il-kunsens u l-awtorizzazzjoni tal-Qorti.

(2) Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut istitwixxa proceduri quddiem din l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Raymond Camilleri vs Lorenza Camilleri proprio et nomine"** (Citazzjoni Numru

246/2002/RCP) fejn qed jitlob *inter alia* illi l-ammont ta' manteniment pagabbli skond il-kuntratt ta' separazzjoni iffirmat bejn il-kontendenti fit-30 ta' Settembru 1999, jigi ridott u dan *stante* li tbidlu c-cirkostanzi finanzjarji tieghu.

(3) Illi ghalhekk ikun utili illi dawn iz-zewg kawzi jinstemghu kontestwalment, halli kull decizjoni li tista' taghti din l-Onorabbli Qorti dwar manteniment tal-minuri Michael, tkun tirrispekkja c-cirkostanzi godda tal-konvenut.

(4) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu a fol.16 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 17 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Gunju 2002 fejn il-Qorti ordnat il-konnessjoni tal-kawza bejn din u c-Citazzjoni Numru 246/02/RCP li kienet tinsab differita ghad-29 ta' Ottubru 2002, u li l-provi jingabru f'kawza jghoddu u jitqiesu bhala provi fil-kawza l-ohra u *vice-versa.* Il-kawza giet differita ghad-29 ta' Ottubru 2002 ghas-sentenza in difett ta' ostakolu;

Rat in-nota ta' l-attrici li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha datat 19 ta' Lulju 2002 a fol. 28 tal-process;

Rat in-nota attrici datata 18 ta' Settembru 2002.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Ottubru 2002 fejn il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza *stante* li l-provi fil-kawza l-ohra kienu ghadhom ma gewx maghluqa. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju, Dr Kenneth Gulia biex jisma' l-provi kollha dwar il-kaz fil-mori tad-differiment; u tat-8 ta' April 2003;
Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, kemm fl-atti ta' din il-kawza inkluzi dawk datati 3 ta' April 2003, 2 ta' Mejju 2003, 6 ta' Gunju 2003, u 7 ta' Lulju 2003 u kemm fl-atti tal-kawza l-ohra bejn il-partijiet fl-ismijiet

inversi Citazzjoni Numru 246/2002/RCP u naturalment ix-xhieda hemm migbura mill-istess Assistent Guduizzjarju;

Rat il-verbal tas-seduti ta' l-14 ta' Ottubru 2003; tal-11 ta' Novembru 2003 fejn Dr Vincent Galea ghall-attur talab li jaghmel nota. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefeggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontroparti li jkollu erbghin (40) gurnata biex jirrispondu, mid-data tan-nota ta' osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenuta jibda` jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-attur. Il-kawza giet differita ghall-5 ta' Ottubru 2004 ghas-sentenza; u tal-5 ta' Ottubru 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-3 ta' Novembru 2004;

Rat in-nota ta' Graziella Castillo, *social worker,* fi hdan l-Agenzija Appogg;

Rat l-atti kollha tal-kawza l-ohra bejn il-partijiet fl-ismijiet inversi u hadet konjizzjoni ta' l-istess xhieda prodotta mill-partijiet fl-istess kawza fl-ismijiet **"Raymond Camilleri vs Lorenza Camilleri proprio et nomine"** (Citazzjoni Numru 246/2002/RCP) id-dokumenti u x-xhieda hemm esebiti u l-atti kollha relattivi u konnessi ma' l-istess.
Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attrici;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**<u>II.KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>(a) Il-Vertenza Odjerna.</u>**

Illi l-attrici pprezentat il-kawza odjerna sabiex titlob lil din il-Qorti biex tiffissa retta alimentarja ghat-tielet tifel, Michael, li llum ghandu *circa* erba` (4) snin, li twieled wara li gie ffirmat il-kuntratt tas-separazzjoni ma' zewgha tali kuntratt datat 30 ta' Settembru 1999.

Illi minn naha tieghu, l-konvenut eccepixxa n-nullita’ tac-citazzjoni minhabba li ma saret l-ebda talba mill-attrici biex tinhatar bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri. *Inoltre* rrefera ghac-Citazzjoni Nru 246/02/RCP li pprezenta huwa stess sabiex ikun hemm varjazzjoni fl-imsemmi kuntratt fis-sens li jitnaqqas il-manteniment dovut.

**(b) Provi Prodotti.**

Illi **Raymond Camilleri** fl-affidavit tieghu xehed li huwa kien jahdem bhala kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija u sakemm dam jahdem dejjem hallas il-manteniment. Huwa sostna li kellu jieqaf mix-xoghol minhabba ncident li holqot il-konvenuta. Allegatament hija ghamlet rapport falz mal-Pulizija, huwa beda jigi nvestigat u l-investigaturi tal-kaz issuggerewlu biex jirrizenja. Meta tlestew l-investigazzjonijiet irrizulta li ma kienx hemm bazi fuq x’hiex imexxu kontrih. Huwa kompla li kien diga’ ghaddej fuq trattament u medikazzjoni ghall-obesita’ u dipressjoni li komplew jizviluppaw wara s-separazzjoni u gabuh fl-istadju ta’ mija u disa` u tmenin (189) kilo li lanqas kien jiflah joqghod bil-wieqfa fit-tul u lanqas jimxi fit-tul. Infatti huwa dam hafna bis-*sick leave* fil-Pulizija mit-22 ta’ Lulju 2000 sat-18 ta’ Mejju 2001 sakemm spicca mill-Korp awtomatikament ghax skada z-zmien li fih seta’ jigi *reinstated*. F’dan iz-zmien ma setax jaghtiha l-manteniment.

Illi meta l-kundizzjoni tad-dipressjoni marret ghall-ahjar huwa beda jahdem fl-20 ta’ Lulju 2001 fil-hanut ta’ missieru li huwa mmexxi minn huh, Johann. Il-paga ma kenitx tajba bizzejjed biex jibqa’ jhallas l-istess ammont ta’ manteniment. Il-*business* tal-hanut beda jmur lura u allura l-paga tieghu ma setghetx tkun wahda gholja.

Illi kien ghalhekk li beda jaghti lil martu mitt lira Maltija (Lm 100) minflok mitejn lira Maltija (Lm 200) ghax huwa f’idejh kien qed jaqla’ mitejn u zewg liri Maltin (Lm 202) f’idejh. Meta sar il-kuntratt huwa kellu paga ta’ erbgha mija u sebghin lira Maltija (Lm 470) fix-xahar.

Illi huwa talab l-ghajnuna ta’ missieru u ghandu jaghtih zbatax-il elf, tmien mija u disghin lira Maltija (Lm17,890) u lil huh, tlett elef, tmien mija u disghin lira Maltija (Lm3,890), liema ammonti telghu mhux biss minhabba l-manteniment izda wkoll minhabba djun ohra li kellu ma’ nies.

Illi huwa kompla billi sostna li saret ingustizzja fil-konfront tieghu meta sar il-kuntratt, kemm ghaz-zieda tal-klawsola li la t-tfal jghalqu s-sittax il-sena huwa jrid jaghtiha mitt lira Maltija (Lm100) ghal ghomorha; kif ukoll, ghax fil-ftehim dwar il-manteniment tat-tfal kien hemm ukoll inkluz dak tat-tarbija li ma kenitx twieldet. Proprju minhabba ghax it-tifel, Michael, ma kienx ghadu twieled qalulhom li ma setax jitnizzel.

Illi *viva voce,* hu xehed li huwa kien kuntistabbli sa mill-1993 u meta sar il-kuntratt dak kien ix-xoghol tieghu. Huwa pprova jerga’ japplika pero’ t-Tabib li rah qallu li ried jonqos tmienja u sebghin (78) kilo li kien ziedhom minhabba *anxiety.* Huwa qal li ma jistax jonqos ghax isib zvog fl-ikel. Huwa jizen mitejn u seba` (207) kilos. *Inoltre* jbati wkoll b’*asthma.* Wara li waqaf mill-Korp ipprova jahdem ma’ missieru pero’ minhabba l-*anxiety* ma setax ikompli bhala *taxi driver.*

Illi fis-sena u nofs li dam wieqaf huwa ma setax ifittex xoghol ghax kien qisu sospiz. L-impjieg tieghu mal-Pulizija gie tterminat fit-18 ta’ Mejju 2001. Beda jahdem fil-hanut ta’ missieru immedjatament. Il-paga tieghu kienet se tkun mitejn u zewg liri Matin (Lm 202) netti. Id-differenzi fil-manteniment kien ihallashom missieru li qallu li se jinqataghlu mill-wirt.

Illi missieru pprova jsiblu post tax-xoghol iehor imma ma kienx tajjeb minhabba ragunijiet ta’ sahha. Barra l-paga huwa ghandu beneficcji ohra cjoe` huwa juza Peugeout 306 li hi karozza tal-kiri. *Inoltre* missieru jhallaslu d-dawl u l-ilma pero’ dawn b’self. Il-post fejn joqghod xtrahulu missieru qabel iz-zwieg u hu ma jhallasx kirjiet ghalih. Huwa mhux qed jipprova jsib xoghol iehor.

Illi in kontro-ezami sostna li l-ftehim dwar il-manteniment tat-tfal, kien jinkludi wkoll lit-tarbija li ma kenitx twieldet. Bazikament irrepeta x'qal fl-affidavit tieghu. Meta mistoqsi ghalfejn lil martu taha manteniment ta' kont ghat-tifel, Michael, fl-20 ta' Lulju 2001, qal li r-raguni kienet ghax martu ma kenitx thallih jara lit-tifel jekk ma jaghtihiex flus.

Illi in subizzjoni, sostna li hu kien taht pressjoni kbira biex jiffirma l-kuntratt.  Meta mistaqsi jekk f'dak iz-zmien kellux terza persuna f'hajtu rrisponda li huwa kellu *"a shoulder to cry on".*

Illi **Anthony Camilleri**, missier Raymond Camilleri, xehed li wara li ibnu hareg mill-Korp huwa xtara negozju, Eaton Jewellers, biex johloqlu mpjieg minhabba d-dipressjoni li kellu.  Dan huwa gestit minn ibnu l-iehor.  Huwa kkonferma li l-firma fuq il-kuntratt tax-xoghol ta' ibnu hija tieghu u li Raymond jaqla' f'idejh mitejn u zewg liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm 202.20) kull xahar. Huma ma jistghux izidu dan l-ammont ghax il-*business* mhux sejjer tajjeb. Huwa qal li gieli silfu xi flus *circa* xi tmenin lira fix-xahar ghal xi affarijiet ta' kuljum. Il-karozza li juza' Raymond hija tal-kumpanija *Swansea Enterprises*. Il-hamsin lira Maltija (Lm 50) kera fix-xahar tal-villa fejn toqghod il-konvenuta ma' uliedha mhux qed jippressaha ghal dan l-ammont.

Illi in kontro-ezami, qal li huwa ma jafx meta ibnu spicca l-Korp. Huwa dam hafna minn meta spicca bis-*sick leave* sakemm spicca attwalment. Ix-xhud qal li huwa jikri karozzi ta' *Swansea Enterprises*. Fil-prezent qeghdin zewg Diretturi, huwa u ibnu Johann u issa ghandhom *part-timer*. Fis-Sajf ikollhom bzonn *part-timers*. Huwa qal li ma setax ihaddem lil Raymond ma' *Swansea Enterprises* ghax ma jaqbilx mieghu.

Illi **Johann Camilleri,** hu Raymond Camilleri, ikkonferma dak li xehed missieru dwar il-hanut tad-deheb fejn jahdem huh. Huwa qal ukoll li m'offriex impjieg ma' *Swansea Enterprises* lil huh ghax dan ix-xoghol huwa ta' *stress*. Huh ma giex impjegat bhala *driver* ma' missieru kemm ghax m'ghandhomx bzonn *driver*; kemm ghax mhux

addett ghal dan ix-xoghol minhabba l-istatura tieghu; kif ukoll ghax huh u missieru ma jmorrux tajjeb flimkien.

Illi xehdu wkoll **rapprezentanti tad-Direttur tas-Sigurta’ Socjali** fl-atti taz-zewg kawzi, fejn spjegaw dwar l-ghajnuna socjali li huma ntitolati ghaliha l-partijiet u x’kienu jippercepixxu f’xi zminijiet partikolari.

Illi **Lorenza Camilleri** xehdet li meta ffirmaw il-kuntratt ta’ separazzjoni hija kienet tqila b’Michael u l-manteniment ghat-tfal ma kienx jikkrompendi lilu. Hija ma tafx x’inhu d-dhul ta’ zewgha, izda xehdet li huwa ghandu *standard of living* gholja. Huwa jsuq karozza Peugeot 205 li hu qalilha li qed jikri minghand missieru. Huwa ghandu zewg *mobiles*, *internet*, jghix ma’ persuna ohra fl-istess appartament mieghu, xi darba s-sena l-ohra siefer ghax ghamel tlett gimghat ma jmurx jara lit-tfal. Minhabba li fejn joqghod zewgha hija proprjeta’ tieghu m’ghandux kera.

Illi hija xehdet li bejn Lulju 2000 u Gunju 2001 Raymond ma taha ebda flus ghall-manteniment. Bejn l-20 ta’ Lulju 2001 sa April 2002 huwa ddecieda minn jeddu li jaghtiha mitt lira Maltija (Lm 100) fix-xahar minflok mitejn lira Maltija (Lm 200) skond il-kuntratt. Huwa kien qalilha li kien qed jaqsamhom tletin lira Maltija (Lm30) ghal kull tifel u ghaxar liri Maltin (Lm10) ghaliha. Hija b’hekk waqghet lura f’hafna kontijiet.

Illi in kontro-ezami, xehdet li fil-perjodi meta zewgha jew taha anqas manteniment milli suppost jew ma taha xejn, hija kienet tircievi l-ghajnuna socjali. Hija qablet li c-cirkostanzi ta’ zewgha fuq ix-xoghol tbiddlu wara li hija ghamlet ir-rapport dwar l-arma. Hija ma kenitx taf li zewgha kien qed imur ghand Dr George Apap b’konsegwenza tal-problema matrimonjali. Dwar il-manteniment tat-tfal baqghet issostni li huma kienu ftehmu fuq zewgt itfal biss. Rigward xi flus li jaghtiha missieru qalet dan kien itiha meta zewgha ma kienx qed jaghtiha manteniment. Dan kien wara li twieldet it-tielet tarbija. Missieru wkoll sellifha karozza mnn jeddu. Illi pero’ bhalissa l-manteniment qieghed jaghtihulha kif

suppost. Hija cahdet li l-flus li taha ghal Michael kienu biex thallih jara lit-tifel.

Illi xehed ukoll l-**Ispettur Geoffrey Azzopardi,** li kkonferma li Raymond Camilleri kien Kuntistabbli stazzjonat l-ghassa tal-Mosta. Minhabba l-problemi matrimonjali tieghu ma kienx qed jaghmel xogholu sew. Martu kienet ghamlet rapport li ma kienx qed jara t-tfal barra d-dar u kien hemm pistola fuq is-*seat* tieghu. Saru l-investigazzjonijiet. Gew prodotti certifikati minghand Psikjatara u gie suggerit lilu li jirrizenja. Fil-bagoll tal-karozza ta' Raymond Camillleri kienet instabet *air pistol* li kienet bil-licenzja izda din ittiehditlu u tawha lil missieru. In kontro-ezami, qal li ma hargux *charges* kontrih ghax trid tara r-ragunijiet wara l-affarijiet.

Illi l-**Ispettur Kenneth Haber** taha nformazzjoni dwar it-terminazzjoni ta' l-impjieg.

Illi apparti dan l-istess Qorti rat ix-xhieda l-ohra kollha prodotta fil-kawza fl-ismijiet inversi, Citazzjoni Numru 246/2002/RCP li qed tigi deciza wkoll illum.

**(a) <u>Principji Legali.</u>**

Illi dwar il-kwistjoni ta' varjazzjoni ta' kuntratt ta' separazzjoni din il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Raymond Camilleri vs Lorenza Camilleri"** (Citazzjoni Numru 246/2002/RCP) deciza llum stess 5 ta' Ottubru 2004, biss in kwantu relattiv ghall-pendenza odjerna u ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Illi pero' u qabel xejn jinghad li ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjonijiet tal-konvenut dwar li l-istess minuri, kellu jigi kkunsidrat fil-kuntratt ta' separazzjoni u li minghalih sar hekk, ghalkemm it-tarbija kienet ghadha mhux imwielda, (apparti l-fatt li l-istess konvenut ma' ta' l-ebda eccezzjoni f'dan is-sens) huwa wkoll relevanti ghall-kawza odjerna, l-principji li jirregolaw l-interpretazzjoni ta' kuntratti. Illi fil-fatt fil-kawza **"Emanuel Avallone vs Centru Speranza fl-Inkapacitati"** (P.A. (RCP) 28 ta' Frar 2002 inghad:-

*"Illi kif inghad fis-sentenza **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** (P.A. RCP 30 ta' Novembru 2000) "ghalhekk hawn japplika l-principju stabbilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 16,** fejn meta l-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' nterpretazzjoni, ghaliex tali nterpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju taghha" **("Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb" –** A.C. 30 ta' Marzu 1997).*

*Illi dan huwa wkoll konformi mal-principju 'contra scriptum non est argumentum', li jibqa' japplika sakemm ma tingiebx prova li tali skrittura hija nieqsa minn xi element kostituttiv taghha,……." **("Joseph Grech Sant nomine vs Avukat Dr. Riccardo Farrugia et nomine" –** A.C. 28 ta' Frar 1997).*

*Illi bl-aktar mod esplicitu gie ritenut li 'l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata 'pacta sunt servanda'. (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – **"Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines"**).*

*Illi l-istess is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tkompli tghid 'Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hiex ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu (Vol.XXXIV, P.III., p.746).*

*Illi ntqal inoltre anke fis-sentenza **"General Cleaners Company Limited vs Attorney General et"** (P.A. (RCP) jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet" (Vol. XXIV, p.1, p.27) (ikkwotata fis-*

*sentenza **"Beacom vs Spiteri Staines"** – ibid; **"Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" –** P.A. RCP. 12 ta' Lulju 2001; **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** – P.A. RCP 30 ta' Novembru 2000; **"Emanuel Schembri vs Leonard Ellul" –** P.A. RCP 30 t'Ottubru 2001)."*

Illi ma hemm l-ebda dubju ghalhekk ukoll li l-kuntratti bejn il-partijiet ghandhom jigu esegwiti in *bona fede* u l-konsegwenza ta' kull ftehim ghalhekk hija li l-obbligazzjonijiet iridu jiftehmu li jaghmlu sens u l-kuntratti ghandhom ikunu nterpretati in *bona fede* **("Carmelo Mifsud vs Joseph Spiteri et" –** P.A. (WG) 30 ta' April 1987); **"Chris Cachia & Associates Limited vs Damian u Roseanne konjugi Formosa"** (P.A. (RCP) – 1 ta' Ottubru 2002).

Illi dan kollu japplika ghall-kaz odjern, anke f'kazi ta' nterpretazzjoni u applikazzjoni ta' kuntratt ta' seperazzjoni hlief ghad-differenza li f'materja ta' ligi tal-familja, u dan anke fil-kuntest ta' dak li hemm provdut fil-**Kodici Civili,** l-interess tal-minuri jibqa' suprem u ghalhekk *nonostante* kull ftehim li jista' jkun hemm bejn il-partijiet dwar il-minuri, jista' jigi annullat mill-Qorti jekk *"hekk ikun mehtieg ghall-gid tal-minuri"* u dan skond id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 61 tal-Kap.16.**

**(b) Apprezzament tal-Provi.**

Illi l-attrici, Lorenza Camilleri, permezz ta' l-azzjoni odjerna qed titlob li l-manteniment stipulat fil-kuntratt tas-separazzjoni huwa ghaz-zewg ulied. Hija ghalhekk qed titlob lil din il-Qorti sabiex tiffisa retta alimentarja ghat-tielet tarbija li twieled wara l-iffirmar tal-kuntratt tas-separazzjoni, liema tarbija hija iben l-konvenut ukoll.

Illi fl-ewwel lok issir referenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, fejn eccepixxa n-nullita' tac-citazzjoni *stante* li ma saret l-ebda talba minn naha ta' l-attrici sabiex tidher bhala kuratur *ad litem* tal-minuri, Michael, f'din il-kawza, u allura hija qatt ma setghet istitwiet dawn il-proceduri minghajr il-kunsens u l-awtorizzazzjoni tal-Qorti.

Illi fis-sentenzi fl-ismijiet **"Mary Oliva pro et noe vs Carmelo Oliva"** (P.A. - 20 ta' Jannar 1954) u **"Salvatore Cini vs Giuseppa Cini"** (P.A. - 26 ta' April 1954) inghad li l-omm mifruda mir-ragel m'ghandhiex ghalfejn tigi nominata *kuratrici ad litem* ta' wliedha minorenni sabiex hija titlob kontra zewgha l-alimenti ghal dawk it-tfal minuri; imma tista' tfittex ghal dawk l-alimenti b'isimha biss. Dan apparti li bis-sahha ta' l-**artikolu 131 tal-Kodici Civili** l-attrici ghandha certament setgha fuq l-istess minuri u dan jinkludi l-obbligi ta' kull genitur li jiehu hsieb lil uliedu u jmantni lill-istess uliedu skond il-varji dispozizzjonijiet ta' l-istess Kodici, inkluzi l-**artikoli 7 u 3B tal-Kap 16.**

Illi anke kieku kien hemm xi nuqqas *da parte* tac-citazzjoni attrici jinghad li n-nullita' eccepita mill-konvenut f'din il-kawza ma hijiex rikonoxxuta mill-ligi u dan ghaliex il-vantata nullita' tac-citazzjoni allegata mill-konvenut ma hijiex wahda li hija rikonoxxuta taht id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 789 tal-Kap.12** tal-Ligijiet ta' Malta, u jinghad ukoll illi ladarba li ghall-grazzja ta' l-argument, tali nullita' m'hijiex dikjarata espressament mill-ligi, anke kieku setghet taqa' taht wiehed mis-**subartikoli 789 (1) (b), (c), u (d), il-proviso ta' l-artikolu 789** jghid li l-eccezzjoni ta' nullita' ma tkunx tista' tinghata jekk in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.

Illi *inoltre* jinghad li l-prassi odjerna mill-Qrati nostrani, anke abbazi ta' l-emendi maghmula bl-**Att XXIV tan-1995**, inkluz dawk kontenuti fl-**artikolu 175 tal-Kap.12,** hija li *"l-formalizmu ezagerat ilu hafna li gie mnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh (**"Charles Fino vs Alfred Fabri noe" –** Appell 28/02/1997)* u konsegwentement *"l-atti ghandhom jigu salvati anzi che annullati jew dikjarati nulli" (**"Dr Joseph Ellul vs Jos G. Coleiro" –** Appell 24/01/1964).* Illi dawn il-principji gew ukoll applikati fis-sentenza **"Perit Vincent Cassar noe et vs N. Debono et",** Cit. Nru 1217/98/RCP – 22 ta' Marzu 2000).

Illi ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni qeghda tigi michuda.

Illi l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut, Raymond Camilleri, jirreferu ghall-fatt li l-istess konvenut odjern fil-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi (Citazzjoni Numru 246/2002 – aktar ‘il quddiem imsemmja l-kawza l-ohra) talab il-varjazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni fis-sens li jitnaqqas il-manteniment dovut lil martu u lil uliedu kif stipulat fl-istess kuntratt.

Illi dik il-kawza giet deciza llum stess u din il-Qorti taghmel riferenza ghall-istess sentenza fejn il-Qorti ma laqghetx it-talbiet ta’ l-istess attur, Raymond Camilleri, f’dik il-kawza sabiex ikun hemm varjazzjoni fil-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ bejn il-partijiet, datat 30 ta’ Settembru 1999, u ghalhekk ma naqset bl-ebda mod, l-ammont hemm indikat li l-istess konvenut odjern kien obbliga ruhu li jhallas ghal martu u z-zewg uliedu ndikati fl-istess kuntratt, Tony Raymond u Johnny Raymond, u ghalhekk ghal dak li jirrigwarda t-tieni u t-tielet eccezzjoni ta’ l-istess konvenut Raymond Camilleri, dawn ovvjament qed jigu michuda.

Illi ghalhekk, dan ifisser li l-pozizzjoni attwali li allura tezisti, hija li fil-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet datat 30 ta’ Settembru 1999 il-partijiet ftehmu dwar il-manteniment li l-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas lill-martu, l-attrici u liz-zewg uliedu Tony Raymond u Johnny Raymond, u dan skond il-modalitijiet minnhom pattwiti fit-termini ta’ l-artikolu 7 ta’ l-istess ftehim u fejn hemm indikat ammont ta’ mitejn lira Maltija (Lm 200) alimenti fix-xahar ghall-istess attrici u zewg uliedha hemm indikati.
Illi ma hemm l-ebda dubju mill-provi prodotti u mill-istess kuntratt ta’ separazzjoni li ma kien hemm l-ebda manteniment pattwit ghall-minuri, Michael, u dan ghaliex fl-istess kuntratt certament ma hemm xejn imsemmi dwar l-istess. Jidher car ghalhekk, li l-istess ftehim ma jkoprix il-manteniment ta’ l-istess minuri, Michael; la darba l-eccezzjonijiet tal-konvenut kienu biss jirrigwardaw il-vantazzjoni tieghu li l-kuntratt ta’ separazzjoni kellu jigi varjat minhabba bdil ta’ cirkostanzi, pendenza li giet maqtugha b’sentenza moghtija llum stess, jirrizulta ghalhekk li *in verita* l-istess konvenut, attwalment ma ghandu l-ebda eccezzjonijiet ohra ghat-talba attrici.

Illi dan ifisser pero', li attwalment l-istess konvenut ma huwiex qed jikkotesta li huwa l-missier ta' l-istess minuri, u wkoll lanqas hemm ebda kontestazzjoni li huwa ghandu l-obbligu li jmantni lil ibnu, izda meta wiehed jezamina dak kollu li qal il-konvenut, jirrizulta li in effetti huwa qed jikkontendi li m'ghandux mezzi sabiex imantni lill-istess minuri – u dan ghalkemm ma gietx prezentata ebda eccezzjoni *per se* dwar l-istess, izda din il-Qorti thoss li dan ma jistax jigi injorat meta wiehed ihares lejn il-fattispecie tal-kaz in partikolari, iktar u iktar tat-talbiet ta' l-attur anke fil-kawza l-ohra, u wkoll tal-fatt singolari u partikolari ghal dan il-kaz, li ghalkemm meta sar il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet l-attrici kienet diga` tqila mill-konvenut, izda xorta wahda ma nghad xejn fil-kuntratt ta' separazzjoni.

Illi jirrizulta li din il-kwistjoni ssemiet qabel *id-draft* tal-kuntratt mill-istess persuna konsultata miz-zewg partijiet, identifikata bhala l-Prokuratur, Sharon Mizzi, mill-atti tal-kawza, izda l-parir li nghata kien li la darba t-tarbija kienet ghada ma twelditx ma kellhiex tigi nkluza fi-kuntratt; in effetti jirrizulta li l-unika zewg ulied li l-istess kuntratt jikkontempla, kienu biss dawk li kienu twieldu sad-data tal-kuntratt – ghalkemm *in verita* ma kien hemm xejn x'izomm lill-partijiet milli jiftehmu fuq it-twelid eventwali ta' l-istess tarbija u kif dan seta` jigi regolat – izda minn dan ma sar xejn u jirrizulta li l-istess Onorevoli Imhallef, li kien qed jippresjedi s-Sekond'Awla tal-Qorti Civili ma kienx informat mill-partijiet u minn min kien qed jassisti lill-istess partijiet, dwar din il-gravidanza ta' l-attrici – bil-konsegwenza li l-ebda stipulazzjoni ma saret dwar l-istess twelid prospettat. Certament li l-affarijiet f'dan il-kaz setghu saru hafna ahjar u l-importanza ta' konsulenza ghal kull parti, fl-interess ta' kull parti, ma tistax ma tigix enfassizata, specjalment f'kazi serji bhal dan, anzi din il-Qorti thoss li huwa dover taghha li dan il-minimu ta' professjonalita' ghandu jigi nnutat u ta' min jinghata mportanza, kif emendi ricenti anke fl-Avviz Legali li stabilixxa l-Qorti tal-Familja ghamel.

Illi jinghad li fl-affidavit tieghu, l-istess attur jghid li l-ftehim indikat fil-kuntratt ta' separazzjoni kien wiehed li kellu

jkopri wkoll manteniment ghal dan it-tielet wild bejn il-kontendenti, u li l-istess wild ma ssemiex peress li l-istess Prokuratur Legali, Sharon Mizzi, qaltlu li fuq parir ta' l-Avukat Dr. John Attard Montalto, dan il-wild ma setax jissemma *stante* li kien ghadu ma sehhx, u kien ghalhekk li ffirma l-kuntratt kif gie redatt. Dan, il-konvenuta ma qablitx mieghu anzi qalet li kienet hija li waqt il-pubblikazzjoni tal-kuntratt minn Nutar Nicholas Vella staqsiet ghaliex wild il-gdid mhux qed jigi ndikat, u qalet li *"huma qaluli li ma jitnizzilx la ma twelidx u li kellhi nfittxu wara t-twelid ghall-manteniment tat-tarbija".*

Illi jidher li f'dan il-kaz ukoll, l-attur qed jittenta jattaka dak li hemm pubblikat fl-istess kuntratt, haga li certament jista' jaghmel pero` ovvjament mhux f'din il-kawza izda bi procedura *ad hoc* sabiex jattakka l-validita' ta' l-istess – izda l-Qorti tinnota li minkejja d-diversi aggravji minnu allegati, kemm f'din il-kawza u kemm fl-ohra bejn il-partijiet deciza llum, dwar dan baqa' ma ghamel xejn; mhux biss izda minkejja li semma' diversi drabi lill-Prokuratur Legali Sharon Mizzi, u anke f'xi okkazjonijiet lill-Avukat Dr. John Attard Montalto, huwa qatt ma pproduca l-istess bhala xhieda, kif lanqas ipprezenta lill-istess Nutar bhala xhud.

Illi fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti thoss li l-allegezzjonijiet tal-konvenut, li l-kuntratt kien qed jirreferi wkoll ghall-manteniment ukoll tal-minuri, Michael, li twieled fit-2 ta' Marzu 2000, ma tistax tigi accettata, *stante* li l-kliem tal-kuntratt stess, bejn il-partijiet dan jeskludih b'mod mill-iktar car u preciz u dan peress li jirrizulta li l-istess kuntratt kien qed jirreferi ghall-manteniment ta' l-attrici u taz-zewg ulied gja mwielda f'dak iz-zmien identifikati fl-ewwel pagna ta' l-imsemmi kuntratt u ma hemm l-ebda dubju li l-istess konvenut kien jaf dan kollu.
Illi pero' fuq binarju iehor u dan bla ma ebda mod ma jinfluwixxi fuq il-validita' ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni, din il-Qorti thoss pero` li l-fatt li l-istess Prokuratur Legali, Sharon Mizzi, ffirmat bhala Prokuratur Legali din ic-citazzjoni attrici, wara li jidher li kienet hija l-persuna li tat parir liz-zewg partijiet dwar l-istess kuntratt, hija etikament mhux accettabbli u ghalhekk din il-Qorti

qed tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Kamra tal-Prokuraturi Legali sabiex tinvestiga l-istess kaz.

Illi punt iehor li jimmilita kontra t-tezi tal-konvenut, li l-istess manteniment pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni kien intiz sabiex ikopri wkoll it-tielet wild, huwa l-fatt li wara t-twelid ta' l-istess tarbija, kien hemm almenu zewg okkazjonijiet fejn il-konvenut hallas specifikatament ghall-manteniment ta' l-istess minuri, Michael, u dan *oltre* s-somma msemmija fl-istess kuntratt ta' separazzjoni u dan jirrizulta mhux biss mix-xhieda ta' l-attrici izda wkoll mir-ricevuti mahruga mill-konvenut u datati 20 ta' Lulju 2001 u 5 ta' Awissu 2001 a fol. 26 u 27 tal-process.

Illi jinghad ukoll li din mhux l-unika punt li l-istess konvenut ilmenta dwaru fl-istess kuntratt ta' seperazzjoni, izda jghid ukoll li huwa ma qabilx mal-klawsola fl-istess kuntratt li tghid li:-

*"Meta t-tfal jaghlqu l-eta' ta' sittax il-sena, il-manteniment pagabbli a favur tal-mara ta' tletin lira Maltin (Lm 30) fix-xahar ghandu jawmenta ghas-somma ta' mitt lira Maltin (Lm 100) fix-xahar."*

Illi dwar din il-klawsola, fil-fatt l-konvenut jghid li din giet mizjuda fuq talba ta' martu fl-ahhar hin qabel ma dahlu biex jiffirmaw il-kuntratt. Huwa ma setax jaqra l-kuntratt sew ghax in-nuccali allegatament kissritilu martu. Meta nduna li kien hemm kambjament u li t-tarbija li kienet se titwieled ma ssemmietx qalulu li allura li kellhom jieqfu hemm u jistennew sakemm titwieled it-tarbija. Huwa xtaq jehles u ghalhekk iffirma. Raymond Camilleri sostna li huwa kien taht pressjoni biex jiffirma l-kuntratt. Fl-ahharnett qal li l-flus ghal Michael tahomlha ghax hija qaltlu li nkella ma setax jara lil ibnu. Illi martu pero` sostniet li huwa ried jehles jiffirma ghaliex kellu terza persuna f'hajtu dak iz-zmien. In kontro-ezami, meta mistoqsi dwar dan qal li kien sab ma' min jiftah qalbu u li din kienet *a shoulder to cry on.* Prezentement, l-allegazzjoni hi li huwa qed jghix ma' terza persuna.

Illi dwar dan jinghad li l-ilment ta' l-attur dwar il-klawsola li zdiedet fl-ahhar hin u dwar pressjoni ghall-iffirmar tal-kuntratt hija ghal kollox mhux sostanzjata u fl-opinjoni ta' din il-Qorti frivola, u dan apparti l-fatt gja ndikat li dan mhux il-mertu tal-kawza odjerna u wkoll ma rrizultax li Raymond Camilleri ha xi passi legali sabiex jattakka l-validita' ta' l-istess kuntratt u ghalhekk l-istess kuntratt ta' separazzjoni huwa validu u ghadu vigenti bejn il-kontendenti.

Illi dwar il-kwistjonijiet l-ohra kollha, din il-Qorti tirreferi ghal dak li gja ntqal f'din is-sentenza u fis-sentenza l-ohra bejn il-partijiet, fejn jidher car li l-istess konvenut ma jistax jitwemmen, anke minhabba li huwa konfuz dwar il-mod kif ffaccja u agixxa f'dawn il-proceduri, fejn filwaqt li pproceda gudizzjarjament sabiex ivarja kuntratt li huwa stess jirrikonoxxi, ghaliex altrimenti ma kienx jpprocedi ghall-bdil tieghu, minn naha l-ohra huwa f'kull kawza qed huwa nnifsu jattaka l-istess ftehim, u din l-inkonsistenza ta' l-istess konvenut qatt ma tista' twasslu la biex l-verzjoni tieghu titwemmen, u wisq inqas sabiex tigi milqugha t-tezi tieghu.

Illi dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratt attwali, tal-kuntratt ta' separazzjoni jinghad ukoll li japplika l-principju *contra scriptum non est argumentum* u dan iktar u iktar meta l-istess kuntratt sar bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti. Il-konvenut qatt sa llum ghadu ma attaka gudizzjarment dan il-kuntratt u certament li fid-dawl tal-provi prodotti, l-allegazzjonijiet kollha tal-konvenut fir-rigward ta' l-istess, bl-ebda mod ma gew sostanzjati jew ippruvati iktar u iktar meta wiehed jezamina l-kliem ta' l-istess kuntratt, li qed jitkellmu dejjem dwar manteniment *“a favur taz-zewg ulied”,* b'dan li huwa ovvju li t-tielet wild li kien ghadu ser isehh ma kienx imsemmi.

Illi ghalhekk isegwi li l-istess, Raymond Camilleri, ghandu l-obbligu bhala missier Michael, li jmantni lill-istess ibnu wkoll. Illi fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher li ghalkemm il-konvenut ippregudika serjament is-sitwazzjoni fuq l-introjtu tieghu u dan meta rrezenja mill-korp tal-Pulizija, u wkoll dan ghamlu meta huwa ma kelllu

l-ebda introjtu iehor, u jidher li huwa wara beda jahdem biss ma’ missieru u ma’ huh, f’post proprjeta’ ta’ missieru, liema mpjieg gie wkoll terminat allegatament minhabba *redundancy* fil-mori ta’ din il-kawza, jirrizulta li m’hemm xejn x’izomm lill-konvenut milli jahdem b’mod diceenti u li ma jiddependix ghal kollox fuq missieru, li jidher li ghandu influwenza sewwa fuqu.

Illi fuq kollox jirrizulta li l-konvenut qed jghix ma’ persuna ohra, u ghalkemm mhux car jekk huwiex qed jmantni lill-istess persuna, certament li b’xi mod l-istess konvenut qed jipprovdi sabiex l-istess jghixu bhala koppja, ghalkemm xejn ma gie dikjarat la f’din il-kawza u lanqas f’kawzi ohra; mhux biss izda m’huwiex car x’ghamel il-konvenut bil-flus li huwa ha mill-bejgh tal-vettura tieghu li huwa gie assenjat bil-kuntratt ta’ separazzjoni, ghalkemm l-istess konvenut jghid li dawn l-ammonti tahom lil missieru, bla ma jsemmi ghaliex u kemm kienu l-istess ammonti.  Apparti dan jirrizulta li l-istess konvenut huwa proprjetarju ta’ l-immobbli fejn huwa jghix ma’ din it-terza persuna, liema immobbli hija identifika bhala CV Court, Flat 6, Triq il-Qarnit, Qawra, li certament ghandha valur mhux negligibbli tenut kont tal-valur tal-proprjeta’ llum, u allura certament li l-istess konvenut ghandu anke llum il-mezzi sabiex jipprovdi manteniment ghall-istess minuri, Michael, u dan tenut kont anke ta’ dak li hemm provdut fl-**artikolu 20 (4) tal-Kap 16** u dan apparti l-potenzjal ta’ l-istess konvenut.

Illi pero’ tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz dak gja provdut fil-kuntratt ta’ separazzjoni, dwar iz-zewg ulied l-ohra, u filwaqt li tirrikonixxi li mill-provi jirrizulta li l-istess konvenut dahal f’diversi diffikultajiet principalment minhabba l-agir tieghu, b’dan li hafna mill-problemi gabhom  b’idejh stess, u filwaqt li din il-Qorti tafferma l-obbligu tal-konvenut li jmantni lil ibnu Michael ukoll, pero’ minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tiffissa manteniment ghall-minuri pagabbli mill-konvenut lil ibnu Michael, fl-ammont nominali ta’ ghoxrin (Lm 20) kull erba’ gimgha mid-data ta’ din is-sentenza, pagabbli kull erba’ gimghat bil-quddiem fir-residenza ta’ l-istess attrici ghan-nom ta’ l-istess minuri, b’dan li jibqa’ rizervat favur l-attrici

ghan-nom ta' l-istess binha, minuri Michael, li tipprocedi ghall-manteniment ta' l-istess minuri jew ghall-awment ta' l-istess jekk jigi ppruvat li l-istess konvenut ghandu xi forma ta' ntrojtu iehor jew mezzi ohra *oltre* dawk llum indikati f'din is-sentenza, dejjem *oltre* l-beneficcji attwali li l-istess konvenut attwalment jircievi fil-gurnata ta' llum.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, **tilqa' talba attrici,** b'dan li tiddikjara li l-konvenut bhala missier il-minuri, Michael, ghandu l-obbligu li jmantni wkoll lill-istess tifel bhala ibnu b'dan illi:-

(1) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghall-imsemmi minuri, Michael, l-ammont nominali ta' ghoxrin lira Maltija (Lm 20) kull erba' gimghat mid-data ta' din is-sentenza, pagabbli kull erba' gimghat bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess attrici, ghan-nom ta' l-istess minuri, b'dan li jibqa' rizervat favur l-attrici ghan-nom ta' l-istess binha minuri, Michael, li tipprocedi ghall-manteniment ta' l-istess minuri jew ghall-awment ta' l-istess, jekk jigi ppruvat li l-istess konvenut ghandu xi forma ta' ntrojtu iehor jew mezzi ohra *oltre* dawk llum indikati f'din is-sentenza, kollox fit-termini ta' dak fuq deciz f'din id-decizjoni.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza kontra l-konvenut, b'dan li din il-Qorti tordna l-komunika ta' din is-sentenza lill-Kamra tal-Prokuraturi Legali.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------